

Avviż għall-attenzjoni tal-entità soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1001 u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006, kif implimentata bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/999 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarużja

(2021/C 244/09)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-entità li tidher fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK ⁽¹⁾, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1001 ⁽²⁾, u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 ⁽³⁾ kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/999 ⁽⁴⁾ dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarużja.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-entità kkonċernata jenħtieġ li tiġi inkluża fil-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK u fir-Regolament (KE) Nru 765/2006. Ir-raġunijiet għad-deżinjazzjoni ta' dik l-entità jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-entità kkonċernata għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 765/2006, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

L-entità kkonċernata tista' tippreżenta talba lill-Kunsill qabel it-30 ta' Novembru 2021, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn li d-deċiżjoni li tinkludiha fil-lista msemmija hawn fuq għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1.C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni rċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK u l-Artikolu 8a(4) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, tal-lista tal-persuni u l-entitajiet iddeżinjati.

⁽¹⁾ ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 219 I, 21.6.2021, p. 67.

⁽³⁾ ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 219 I, 21.6.2021, p. 55.